**6 ta' Ottubru, 1998**

**Imħallef:-**

**Onor. Patrick Vella B.A., LL.D. Mag. Juris. (Eur. Law)**

Il-Pulizija

*versus*

Mario Camilleri

## Sokor

*Il-materja ta' sokor hi kkontemplata fl-artikolu 34 tal-Kodiċi Kriminali. Bħala regola ġenerali, l-artikolu 34 (1) jiddisponi li s-sokor ma jistax jinġieb bħala eċċezzjoni kontra akkuża kriminali. L-eċċezzjonijiet għal din ir-regola jinsabu fis-subartikoli susseġwenti, u, qua eċċezzjonijiet, għandhom jiġu interpretati u applikati ristrettivament.*

*Meta jiġi ppruvat li persuna tkun fi stat ta' sokor volut minnha, qabel ma tiġi aċċettata l-eċċezzjoni taħt l-artikolu 34 (4), il-Qorti għandha tara u teżamina jekk minkejja dak l-istat ta' sokor, jew stat ieħor approssimattiv, li forsi seta' b'xi mod jinnewtralizza l-possibilità ta' intenzjoni partikolari, kienx hemm il-possibilità ta' intenzjoni oħra. Għandu jiġi eżaminat jekk l-appellat kienx fi stat li ma setax ikollu l-kapaċità li jifforma intenzjoni għal reat partikolari, iżda kellu l-kapaċità li jifforma intenzjoni għal reat ieħor.*

*Sabiex jiġi invokat l-artikolu 34 (4) b'suċċess, mhux biżżejjed li jirriżulta li l-persuna imputata tkun fis-sakra. Biex dan l-istat ta' sokor ikun dirimenti, jeħtieġ li l-Qorti tkun sodisfatta li, fil-ħin tal-kommissjoni tad-delitt, ma kienx jaf x'qed jagħmel jew ma kienx jaf li dak li kien qed jagħmel kienet xi ħaġa ħażina.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Mario Camilleri li permezz tagħhom huwa kien tressaq taħt arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja u akkużat talli fl-1 ta' Marzu, 1997, ġewwa ta' l-Ibraġġ, limiti ta' San Ġiljan, għall-ħabta tas-1.00 a.m., (1) attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'hebb li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra l-

P.S. 621 Pierre Calleja, persuna nkarigata minn servizz pubbliku, filwaqt li kien qed jaġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi, jew ta' ordni meħtieġa skond il-liġi, mill-awtorità kompetenti, *billi għamel idejh ma' wiċċ l-imsemmi P.S. 621 Pierre Calleja u* pprova jimbuttah it-taraġ għal isfel, u aktar talli: (2) fl-istess jum, ħin u ċirkostanzi inġurja jew hedded jew għamel offiża fuq il-persuna ta' l-istess P.S. 621 Pierre Calleja, fil-vesti hawn fuq imsemmija, waqt li dan kien qed jagħmel, jew wara li kien għamel l-imsemmi servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz; akkużat *ukoll tali*: (3) *dejjem fl-istess data, lok, ħin* u ċirkostanzi, kiser il-mistrieħ tan-nies bi ħsejjes jew għajjat, jew b'xi mod ieħor, kif ukoll talli: (4) fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, ma obdiex l-ordnijiet leġittimi tal-pulizija jew ta' wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma ħallihx jew fixklu waqt li kien qed jagħmel id-dmirijiet tiegħu; akkużat ukoll talli: (5) għad li kien xurban, qal fil-pubbliku kliem oxxen jew *indiċenti, jew għamel atti jew ġesti oxxeni, kif ukoll talli*: (6) mingħajr awtorità legali jew skuża leġittima jew raġonevoli, qatta' biljett tal-flus. Ġie akkużat ukoll: (7) li kien plurireċidiv;

Rat is-sentenza mogħtija fit-23 ta' April, 1998, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali li biha sabet ħtija fl-imsemmi Mario Camilleri fl-akkużi kollha *miġjuba kontrih, bl-eċċezzjoni għall-akkużi naxxenti mill*-artikoli 95 u 96 tal-Kodiċi Kriminali, ċjoè l-akkużi nnumerati fuq (1) u (2), li minnhom illiberatu minħabba sokor, u kkundannatu għall-multa komplessiva ta' Lm150 fuq l-akkużi l-oħra misjub ħati;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-Avukat Ġenerali ddatat 5 ta' *Mejju, 1998, li bih talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza* appellata billi tirrevoka u tħassar dik il-parti tas-sentenza fejn l-appellat Mario Camilleri kien ġie lliberat mill-akkużi (1) u (2) mressqa kontrih a bażi ta' l-artikoli 95 u 96 tal-Kodiċi

Kriminali, u minflok, issib u tiddikjara ħtija ta' l-istess appellat f'dawn l-akkużi, u tinfliġġi l-piena skond il-liġi, u tikkonferma l-istess sentenza ta' l-Ewwel Qorti fil-kumplament fejn ġiet iddikjarata sejbin ta' ħtija fl-akkużi l-oħra kollha restanti u nflitta l-piena hemm imsemmija;

Illi l-aggravji ta' l-appellant Avukat Ġenerali jikkonsistu filli, skond hu: (1) l-Ewwel Qorti erroneament illiberat lill-appellat mill-akkużi bbażati fuq l-artikoli 95 u 96 tal-Kodiċi Kriminali minħabba li hi aċċettat id-difiża ssollevata *ai termini* ta' l-artikolu 34 (2) tal-Kodiċi Kriminali; u (2) illi anke jekk tiġi aċċettata din il-linja ta' difiża, wieħed ma għandux u ma jistax jieqaf hemm, iżda għandu jara jekk, minkejja li dan l-istat ta' sokor li forsi seta' jinnewtralizza l-possibilità ta' intenzjoni partikolari, kinitx teżisti possibilità oħra, madankollu ta' intenzjoni oħra;

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti u l-atti ta' dan il-proċediment;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi dwar l-ewwel aggravju ssollevat mill-appellant Avukat Ġenerali, fis-sens li, skond hu, l-Ewwel Qorti bbażat il-konklużjoni tagħha billi aċċettat id-difiża mressqa *ai termini* ta' dak ikkontemplat fl-artikolu 34 (2) tal-Kap. 9 dan ma jidhirx korrett għal kollox;

L-Ewwel Qorti, fil-konsiderazzjonijiet tagħha, qalet hekk: "L-imputat kien fi stat ta' sokor u li dan kien fi grad qawwi joħroġ eżawrijentement mill-provi li ukoll juru, mingħajr l-ebda dubbju, li s-sokor kien stat volut". L-Ewwel Qorti kompliet

tgħid li dan l-istat ta' sokor volut ta' l-appellat kellu jiġi eżaminat fil-kuntest ta' l-akkużi taħt l-artikoli 95 u 96 tal-Kap. 9 li jirrikjedu l-intenzjoni speċifika. Mill-apprezzament tal-provi li għamlet dik il-Qorti, hi waslet għall-konklużjoni tagħha li dan l-istat ta' sokor ta' l-appellat kien tali li mpedielu l-perċezzjoni u ġudizzju siewi ta' dak li kien qed jagħmel;

Minn dan il-kliem ta' l-Ewwel Qorti, l-appellant Avukat Ġenerali kkonkluda li dik il-Qorti ma ssabitx ħtija fuq l-appellat a rigward l-ewwel u t-tieni akkużi (l-artikoli 95 u 96 tal-Kap. 9) a bażi ta' l-eċċezzjoni tad-difiża tas-sokor *ai termini* ta' l-artikolu 34 (2) tal-Kap. 9;

Ikkunsidrat:

Illi din il-materja ta' sokor hija kkontemplata fl-artikolu 34 tal-Kap. 9 u s-subartikoli tiegħu. Bħala regola ġenerali, l-artikolu 34 (1) tal-Kap. 9 jiddisponi li s-sokor ma jistax jinġieb bħala eċċezzjoni kontra akkuża kriminali. L-eċċezzjonijiet għal din ir-regola ġenerali jinsabu fis-subartikoli sussegwenti ta' dan l-artikolu 34 (1), u, qua eċċezzjonijiet, dawn għandhom jiġu interpretati u applikati ristrettivament u salv li jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet hemm espressament stabbiliti. Kundizzjoni minnhom hi li l-akkużat ikun fi stat ta' sokor mhux volut, dak imsejjaħ aċċidentali, ċjoè, bla ma ried hu, bl-għemil doluż, jew negliġenti ta' ħaddieħor. Din hi l-kundizzjoni essenzjali biex tavvera ruħha l-ewwel eċċezzjoni għar-regola ġenerali msemmija li s-sokor mhux eċċezzjoni għall-akkuża kriminali, u hi espressa fl-artikolu 34 (2) (a) tal-Kap. 9. Fil-każ in eżami dan ma japplikax l-għaliex jirriżulta manifestament ippruvat li kien l-istess appellat Mario Camilleri li minn jeddu ġab dan l-istat ta' sokor fuqu b'mod volontarju u mingħajr xi intervent ta' terzi;

Eċċezzjoni oħra għar-regola ġenerali hija dik

ikkontemplata fl-artikolu 34 (2) (b) tal-Kap. 9 fejn minħabba s-sokor tiegħu, l-akkużat kien fi stat ta' ġenn, kemm temporanjament u kemm le, filwaqt li kien qed jikkommetti r-reat in kwistjoni. Fil-każ in eżami, dan l-istat ta' ġenn ma jirriżultax u għalhekk anke din l-eċċezzjoni ma tapplikax;

L-eċċezzjoni taħt is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 34 tal-Kap. 9 ukoll ma tapplikax għal dan il-każ għaliex din tirreferi u hi applikabbli biss f'każ li tiġi aċċettata l-eċċezzjoni taħt is-subartikoli (a) u (b) ta' l-artikolu 34 (2) tal-Kap. 9, li kif ġà ntqal, ma japplikax għal dan il-każ;

L-aħħar eċċezzjoni hi dik taħt is-subartikolu (4) ta' l-artikolu 34 tal-Kap. 9, li jgħid li l-istat ta' sokor għandu jitqies sabiex jiġi stabbilit jekk il-persuna akkużata kinitx iffurmat l-intenzjoni, speċifika jew xort'oħra li mingħajrha ma kinitx tkun ħatja tar-reat. Skond din il-Qorti, jidher li l-Ewewl Qorti waslet biex tillibera lill-appellat Mario Camilleri mill-akkużi taħt l-artikolu 95 u 96 tal-Kap. 9 a bażi ta' din l-eċċezzjoni, u mhux a bażi ta' l-artikolu 34 (2) (a) (b) tal-Kap. 9. Dan hu għaliex l-artikolu 34 (2) (a) (b) tal-Kap. 9 jitkellem biss fuq żewġ ipotesijiet biex tirnexxi din l-eċċezzjoni, u ċjoè: (a) li l-istat ta' sokor ma jkunx wieħed volut, u (b) li minħabba dan l-istat ta' sokor, l-akkużat kien fi stat ta' ġenn, anke jekk temporanjament, waqt li kien qed jikkommetti r-reat. Ġà ġie rrilevat li dawn iż-żewġ kundizzjonijiet ma jirriżultawx lil din il-Qorti fil-każ in eżami;

Illi anke mill-istess diċitura fil-paragrafu ta' qabel ta' l-aħħar fis-sentenza appellata ta' l-Ewwel Qorti, jidher ċar li dik il-Qorti aċċettat l-eċċezzjoni għall-istat ta' sokor volut ta' l-appellat taħt l-artikolu 34 (4) tal-Kap. 9. Fil-fatt, dik il-Qorti qalet hekk: "Din il-Qorti hi tal-fehma li l-istat ta' sokor ta' l-imputat kien tali li mpedielu l-perċezzjoni u ġudizzju siewi ta'

dak li kien qed jagħmel". Ċjoè, l-Ewwel Qorti kkonkludiet li minħabba l-istat ta' sokor li l-appellat kien fih, hu ma setax jifforma l-intenzjoni speċifika, jew xort'oħra, biex ikun ħati tar-reati li għamel. U dan hu eżattament dak li jgħid dan l-artikolu 34 (4) tal-Kap. 9;

Ikkunsidrat:

Illi minkejja li ġie ppruvat bla dubbju ta' xejn li l-appellat kien fi stat ta' sokor volut minnu, wieħed, qabel ma jaċċetta l-eċċezzjoni għar-regola ġenerali li stat ta' sokor mhux difiża, u senjatament taħt l-artikolu 34 (4) tal-Kap. 9, għandu ukoll jara u jeżamina ulterjorment jekk minkejja dan l-istat ta' sokor jew stat ieħor approssimattiv, li forsi seta', b'xi mod, jinnewtralizza l-possibilità ta' intenzjoni partikolari, kienx hemm il-possibilità ta' intenzjoni oħra. Għandu jiġi eżaminat jekk l-appellat kienx fi stat li ma setax ikollu l-kapaċità jifforma intenzjoni għal reat partikolari, iżda kellu l-kapaċità li jifforma intenzjoni għal reat ieħor;

Mill-eżami tal-provi, din il-Qorti tara li minkejja l-istat ta' sokor volut ta' l-appellat, jirriżulta li, b'danakollu, hu xorta waħda kien fi stat li seta' jiftakar ċerta dettalji rilevanti u determinati, kif jirriżulta mill-istqarrija tiegħu. Mix-xhieda mogħtija mill-P.S. 621 Pierre Calleja, u l-pulizija li kienu miegħu waqt l-inċident ma' l-appellat, jirriżulta ċar ħafna li kien hemm diversi mumenti waqt dan l-inċident li juru kjarament li l-appellat kien jaf sew x'kien qed jagħmel u x'ried jagħmel, u kien pjenament konxju ta' dak li kien qed jgħid lil dawn il-pulizija, sabiex iżommhom milli jaqdu dmirijiethom, u dan minkejja l-grad u stat ta' sokor li kien fih. Hu evidenti li fil-mument ta' dan l-inċident mal-pulizija, l-istat ta' sokor ta' l-appellat, minkejja li kien wieħed volut minnu, ma kienx għadu wasal sa dak il-grad li seta' jimpedilu li jifforma intenzjoni

speċifika, jew xort'oħra. Fl-Appell Kriminali per Onor. Imħallef W. Harding deċiż 7 ta' Frar, 1958, fl-ismijiet ***The Police vs Peter William Clarke et***, intqal hekk mill-Qorti: "*With regard to the plea of intoxication, it is true that where a specific intent is essential to consittute a crime, evidence of drunkeness rendering the accused incapable of forming that intent should be taken into consideration, together with other facts proved, in order to determine whether or not such intent existed. It has long been an accepted principle, however, that evidence of drunkeness falling short of this, and merely establishing that the mind of the accused was affected by drink so that he more readily gave way to some violent passion, does not rebut the presumption that a man intends the natural consequences of his actions*";

Id-difiża argumentat quddiem din il-Qorti li, fil-każ in ispeċje, ma setax kien hemm l-element konsistenti fl-intenzjoni speċifika ta' l-appellat għaliex hu kien talment xurban li ma setax jifforma dik l-intenzjoni speċifika u li, għalhekk, l-aġir tiegħu mhux inkriminabbli skond l-artikolu 34 (4) tal-Kap. 9. Hu risaput li f'dan l-artikolu 34 (4) tal-Kap. 9 ma hemmx id-distinzjoni li hemm fit-tieni subinċiż ta' l-istess artikolu 34 bejn ubrijakezza volontarja min-naħa waħda, u ubrijakezza mhux voluta u prokurata dolożament jew negliġentement minn ħaddieħor, min-naħa l-oħra. Mhux biżżejjed li jirriżulta li l-appellat akkużat kien fis-sakra. Biex dan l-istat ta' sakra tiegħu jkun dirimenti jeħtieġ li l-Qorti tkun sodisfatta li, fil-ħin tal-kommissjoni tad-delitt, l-appellat ma kienx jaf x'qed jagħmel jew ma kienx jaf li dak li kien qed jagħmel kien xi ħaġa ħażina. Fil-każ odjern, minkejja l-istat ta' sokor ta' l-appellat, b'danakollu din il-Qorti *tara li xorta waħda hu kien għadu fi stat* li seta' jiftakar ċerta dettalji rilevanti u determinati meta rrilaxxja l-istqarrija tiegħu. Kieku kien diversament u l-appellat assolutament ma kienx jaf x'qed jagħmel minħabba dan l-istat ta' sokor, ma kienx ikun possibbli għalih li huwa jiftakar ċerti

dettalji dwar dak li kien ġara fl-inċident mal-pulizija f'daru. Kieku ma kienx hekk, fis-sens li moħħu kien totalment jew talment offuskat bix-xorb li ma kienx jaf x'qed jagħmel u x'kien qed jgħid, ċertament ma kien jiftakar xejn u ma kienx ikun fi grad li jagħti ebda versjoni jew dettal. Fl-Appell Kriminali deċiż fis-27 ta' Novembru, 1958 (Vol. XLII.P.1520) fl-*ismijiet* **Il-Pulizija** ***vs*** **John Micallef**, ġie ritenut li biex stat ta' sokor jeskludi l-imputabilità, barra milli s-sokor, *irid dan ikun ta' grad* tali li jneħħi l-koxjenza jew il-volontarjetà ta' l-att kostitwenti r-reat;

U hu proprju għalhekk li, mill-assjem tal-provi u ċirkostanzi eżaminati bir-reqqa minn din il-Qorti, li hi tasal għall-fehma tagħha li l-kundizzjoni kkontemplata *fl-artikolu* 34 (4) tal-Kap. 9 ma ġietx sodisfatta f'dan il-każ sabiex dan l-istess artikolu jiġi applikabbli. Din il-Qorti ma tinklinax li *żżomm li* l-appellat kien talment taħ l-influwenza tax-xorb li ma kienx jaf x'qed jagħmel, u mill-komportament tiegħu ġenerali tasal biex tara li hu seta' jifforma kwalunkwe intenzjoni rea, anke dik speċifika. Infatti, fl-istqarrija tiegħu, l-appellat jiftakar ħafna dettalji b'eżattezza. In vista tal-konsiderazzjonijiet rilevanti li għamlet din il-Qorti, hi tasal għall-konklużjoni li fil-mument tar-reat, l-appellat kien koxjenti ta' dak li kien qed jagħmel u allura huwa responsabbli għall-konsegwenzi naturali ta' għemilu. Din il-Qorti hi sodisfatta li mill-provi jirriżulta b'mod inekwivoku li fil-mument tal-kommissjoni tar-reat in eżami, l-appellat Mario Camilleri ma kienx għadu wasal għal dak l-istat ta' sokor previst mil-liġi li jeskludi l-*mens rea*, iżda jidher li kien fi stat li jifforma l-intenzjoni rikjesta. Kien fi stat fejn dak il-grad ta' sokor li kien fih irrendih iktar aggressiv u vjolenti, iżda mhux fi stat li ma kienx jaf x'kien qed jagħmel u jgħid;

Għal dawn ir-raġunijiet, għalhekk, din il-Qorti qiegħda tilqa' l-appell magħmul mill-Avukat Ġenerali u għalhekk qiegħda tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha f'dik il-

parti liberatorja taħt l-artikoli 95 u 96 tal-Kap. 9, u minflok, filwaqt li tiddikjara lill-appellat Mario Camilleri ħati ta' l-akkużi taħt dawn l-istess artikoli, tenut kont tal-plurireċidività tiegħu, kif ukoll tal-gravità tar-reat konsistenti, fost reati gravi oħra, fit-tentattiv tiegħu li jwaddab għall-isfel fit-taraġ lis-surġent tal-pulizija waqt li dan kien qed jaqdi dmiru, ħaġa li ma ssuċċedietx għaliex l-appellat ġie miżmum milli jagħmel hekk fil-pront, qiegħda tikkundannah għal tmien (8) xhur priġunerija, bit-tnaqqis ta' kull żmien li l-appellat kien miżmum taħt arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-każ, u tikkonferma l-istess sentenza appellata fil-kumplament tagħha. Tordna li l-appellat għandu jħallas il-multa ta' Lm150 inflitta fuqu mill-Ewwel Qorti fi *żmien xahar mil-lum, u fin-nuqqas, din tkun* konvertibbli għall-xahar priġunerija.